# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**-Aġent President-**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Ottubru 2024**

**Numru: 1**

**Rikors numru 375/2015/1 AF**

**Eugenio Bartolo**

**v.**

**Avukat Dottor Johann Debono**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-konvenut **Avukat Dottor Johann Debono [il-konvenut jew l-appellant]** minn sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili [l-Ewwel Qorti]** li kkundannatu jħallas lill-attur **Eugenio Bartolo (l-attur jew l-appellat)**, *qua* eredi universali ta' klijent defunt tal-konvenut,

somma flus li l-Ewwel Qorti kkunsidrat li kienu tħallsu lill-konvenut indebitament.

**Fatti**.

2. L-attur Eugenio Bartolo kien trabba minn ċertu Emanuel Grech. Grech miet fil-31 ta' Awwissu, 2011 u bis-saħħa ta' testment tal-14 ta' Lulju, 2010 Emanuel Grech ħassar kull testment li kien għamel qabel u fost dispożizzjonijiet testamentarji oħra nnomina lill-attur eredi universali tiegħu.

3. Il-konvenut l-Avukat Johann Debono kien l-avukat tal-imsemmi Emanuel Grech li b'testment preċedenti għal dak tal-2010 kien innominah eżekutur testamentarju, liema nomina ma ġietx inkluża fl-aħħar testment tal-14 ta' Lulju, 2010. Emanuel Grech kellu tilwima ma' ċertu Harry Cutajar dwar il-fond "The Cottage" ġewwa l-Gżira u inkariga lill-konvenut bħala l-konsulent legali tiegħu sew fuq dik il-kwistjoni kif ukoll fuq affarijiet oħra. Għalkemm il-konvenut kien ġie inkarigat minn Emanuel Grech sabiex jistitwixxi kawża kontra Harry Cutajar, din il-kawża baqgħet qatt ma ġiet istitwita sakemm ġie nieqes Emanuel Grech. Il-konvenut jgħid illi fuq medda ta' kważi tliet snin għamel diversi inkontri twal ma' Emanuel Grech u apparti pariri legali għamel ukoll ħafna riċerka u studju dwar il-patrimonju ta' Emanuel Grech. Jistma ta' dan ix-xogħol kellu jitħallas is-

somma ta' 'l fuq minn €100,000. Hemm L-attur jikkontesta l-pretensjoni tal-konvenut li ta servizzi professjonali b'valur ta' 'l fuq minn €100,000 fuq medda ta' anqas minn tliet snin.

4. Il-konvenut jikkontendi illi huwa kien oriġinarjament ftiehem ma' Emanuel Grech illi tal-konsulenzi li kien jagħtih ma jitħallasx mill-ewwel, imma mbagħad jitħallas wara li jiġi nieqes Grech peress li kien innominah eżekutur testamentarju tiegħu u dan bir-rata ta' 6% tal-valur tal-assi ereditarji kollha tiegħu kif kien indikat fit-testment fejn tniżżlet in-nomina tal-konvenut.

5. Però wara xi sena li kien ilu klijent tiegħu l-konvenut beda jitlob verbalment lil Grech jgħaddilu somom inġenti bħala ħlasiijiet akkont ta' drittijiet professjonali. Kontijiet/*invoices* il-konvenut qatt ma ħareġ iżda kien jirrilaxxja riċevuta mhux fiskali meta jirċevi pagament mingħand Grech, u f'xi okkażjonijiet mingħand l-attur waħdu jew flimkien ma' Grech.

6. Bejn is-sena 2009 u s-sena 2011 Emanuel Grech ħallas lill-konvenut total ta' €62,000 imqassma kif ġej:

(i) €20,000 imħallsa fil-<u>15 ta' Diċembru, 2009</u>. Skont l-irċevuta rilaxxata mill-konvenut, tali somma hija "Ħlas ta' Depożitu" sabiex il-klijenti tal-konvenut "jiddefendu/jew jattakkaw lil terzi fuq kwistjonijiet legali marbutin mal-istabbiliment bl-isem ta' 'The

Cottage".... Gzira permezz tal-Avukat ta' Fiduċja tagħhom Dottor Johann Debono". Jingħad ukoll f'dik l-irċevuta illi s-somma ta' €20,000 kienet qed titħallas "akkont ta' ammont akbar li għandu jitħallas aktar 'il quddiem in kwantu drittijiet legali u spejjeż ġudizzjarji neċessarji u relatati mal-każ ta' Harry Cutajar".

(ii) €15,000 imħallsa fl-14 ta' Mejju, 2010. L-irċevuta rilaxxjata mill-konvenut tgħid illi l-ħlas ta' €15,000 kien jirrappreżenta "ħlasijiet ta' riċerka legali, spejjeż u drittijiet neċessarji li jwasslu għall-ftuħ tal-kawża ġudizzjarja kontra Harry Cutajar għall-kanċellament tal-iskrittura illegali li kienet saret bejnu u bejn Jimmy Grech". Ikompli jingħad f'dik l-irċevuta illi "Dan l-ammont ikopri żewġ terzi (2/3)[1] tal-ispejjeż tal-proċedura u r-rimanenti somma ta' Euro 5,000 għandha titħallas 'il quddiem kif ikun mitlub".

(iii) €12,000 imħallsa fit-3 ta' Settembru, 2010. L-irċevuta rilaxxata mill-konvenut hija indirizzata lill-attur Eugenio Bartolo. Taqra kif ġej: "Qed nirċievi l-ammont/depożitu ta' EUR12,000.00 rigwardanti l-Appell Ċivili li flimkien mal-EUR10,000.00 li tħallsu preċedentement, jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż legali/ġudizzjarji li Dr. Johann Debono B.A., LL.D., ... jirrikjedi biex jikkompleta s-servizzi professjonali tiegħu fil-każijiet tal-Qorti li bħalissa

[1] ¾?

għaddejjin minnhom fuq il-fond The Cottage, Ta' Sliema Road, Gzira."

(iv) Il-konvenut kien tħallas ukoll is-somma ta' €5,000.00 imsemmija fl-irċevuta tal-14 ta' Mejju, 2010 però jidher li riċevuta dwarha ma ġietx rilaxxata.

7. Jirriżulta illi l-konvenut baqa' qatt ma istitwixxa kawża għan-nom ta' Emanuel Grech kontra Harry Cutajar. Fl-affidavit tiegħu jgħid illi għalkemm kien ipprepara l-inkartament sabiex jagħti bidu għall-kawża, ir-relazzjoni tiegħu mal-attur ma kenitx baqgħet waħda tajba u saħħet Grech kienet marret lura. Mill-atti jirriżulta li l-Avukat Debono kien ippatroċinja lill-attur Eugenio Bartolo f'kawża li Harry Cutajar istitwixxa quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Żgħar fl-ismijiet "Harry Cutajar v. Eugenio Bartolo" deċiża mit-Tribunal fil-5 ta' Lulju, 2010, li ġiet appellata, filwaqt li sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ġiet mogħtija fit-28 ta' Ġunju, 2011. L-ebda proċeduri ġudizzjarji oħra ma jirriżulta li Grech kien patroċitat mill-konvenut. Mit-taxxi tal-ispejjeż rilaxxjati mir-Reġistratur tal-Qorti[2] jirriżulta illi d-drittijiet tal-avukat fiż-żewġ istanzi, Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar u Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), kienu jammontaw komplessivament għal tliet mija u ħmistax-il ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€315.82).[3]

---

[2] Fol. 10 u fol. 11

[3] €175 + €140.82

8. Il-konvenut jgħid illi huwa iddedika ħafna sigħat jaħdem fl-interess ta' Emanuel Grech. Mill-atti ma jirriżulta l-ebda kont rilaxxat mill-konvenut la lill-mejjet Emanuel Grech meta kien ħaj u lanqas lill-attur meta wiret lil Grech. Fis-sena 2018, tliet snin wara li ġiet istitwita l-kawża odjerna u seba' snin wara li kien ilu nieqes Grech, il-konvenut talab lir-reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) sabiex tinħariġlu taxxa tad-drittijiet professjonali li kien qed jippretendi għas-servizzi professjonali tiegħu reżi lil Emanuel Grech bejn is-sena 2008 u s-sena 2010. Filwaqt li l-konvenut ippreżenta lir-reġistratur kont ta' mija u sebat elef, tliet mija u tnejn u tmenin ewro (€107,382), eskluż il-VAT, ir-reġistratur, fuq dak li qallu l-konvenut, irrilaxxa taxxa għall-ammont ta' sitta u ħamsin elf, ħames mija u sebgħa u ħamsin ewro u sitt ċenteżmi (€56,557.06) (VAT inkluż).[4] Ir-rendikont ikopri l-perjodu bejn Jannar 2008 u Settembru 2010. Fir-rendikont li l-konvenut ippreżenta lir-reġistratur jgħid illi fis-sena 2008 huwa ddedika erba' mija u ħamsin siegħa (450 hrs) f'ħidma professjonali lil Emanuel Grech u jiddikjara illi ta' dawk is-sigħat għandu jirċievi s-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, disa' mija u għoxrin ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€44,920.83) bħala ħlas; jgħid li fis-sena 2009 iddedika erba' mija u dsatax-il siegħa (419 hrs) u jiddikjara li għal dawk is-sigħat qed jippretendi s-somma ta' wieħed u erbgħin elf, seba' mija u tlettax-il ewro (€41,713.00); filwaqt li fir-rigward tas-sena 2010 jgħid

[4] Kopja tat-taxxa a fol. 197. Kopja tar-rendikont ippreżentat mill-konvenut lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) a fol. 205 – 209.

li ddedika mitejn u disa' sigħat u tletin minuta (209 hrs 30 min) għal-liema qed jippretendi ħlas ta' għoxrin elf, seba' mija u tmienja u erbgħin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€20,748.53). B'kollox elf, tmienja u sebgħin siegħa u tletin minuta (1,078 hrs 30 min). Jgħid li għal dawn is-siegħa kellu jitħallas total ta' **mija u sebat elef ewro, tliet mija u tnejn u tmenin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€107,382.36)** kalkolati parti bir-rata ta' €100 fis-siegħa. Il-konvenut xehed illi kien avża lil Emanuel Grech li ser jiċċarġjah bir-rata ta' €100 fis-siegħa. Xehed illi apparti s-sigħat imsemmija li qatta' mal-klijent tiegħu huwa kien għamel "... riċerka estensiva ta' sales and transfers tiegħu u t-testmenti u dawn kienu ammont kbir ta' karti li qagħdt nispjegalu ħaġa ħaġa".[5] Xehed ukoll illi l-unika kawża li kien involut fiha bħala avukat kienet dik quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar u fl-appell mis-sentenza ta' dak it-Tribunal. Kompla jixhed hekk in kontroeżami:

> "Jiena kont qed nipprospetta wkoll kawżi kontra James Grech u kontra l-persuni li kienu qed jiġġestixxu The Cottage. Jiena kont nagħtih pariri anke fuq assi mobbli. Hu kellu problema kbira dwar il-legatarji li ħalla f'testmenti preċedenti. Kellu investimenti barra minn Malta. Kien jikkonsultani dwarhom miegħi wkoll. Dawn kienu ammonti sostanzjali. Kellu mijiet ta' eluf. Jiena tajtu pariri fuqhom. Ktibt ukoll xi ftit ittri pero' iżjed pariri....."

Wara li Emanuel Grech ġie nieqes fil-31 ta' Awwissu, 2011, l-attur *qua* eredi universali tad-*decuius* talab lill-konvenut rendikont tas-servizzi li

[5] Kontroeżami tal-konvenut a fol. 235 *et. seq*.

għalihom kien talab il-ħlasijiet u tħallas is-somom fuq imsemmija u sabiex jirrifondi dak li ma kienx dovut.

**L-Azzjoni Attriċi**.

Peress li l-attur baqa' ma rċieva l-ebda rendikont istitwixxa l-kawża odjerna b'rikors ġuramentat ippreżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (l-Ewwel Qorti) fit-23 ta' April, 2015 fejn talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. tikkundanna lill-konvenut jaghti rendikont shih u dettaljat tal-flejjes kollha tar-rikorrenti u jew tal-awtur tieghu li ghaddew minn idejn l-intimat.
>
> 2. tiddikjara illi ghajr ghall-ammonti talvolta rizultanti bhala attwalment dovuti lill-intimat skond it-taxxi ufficcjali mahruga mir-Registratur tal-Qorti l-bilanc rimanenti ghandu jigi rifuz lir-rikorrenti.
>
> 3. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont hekk rizultanti, wara li issir it-tpacija tal-ammont lilu dovut u dan abbazi ta' taxxi ufficcjali mahruga mir-Registratur tal-Qorti mill-ammont ta' €62,000 lilu imhallsa separatament fid-dati hawn fuq imsemmija.
>
> 4. tikkundanna lill-konvenut jirrifondi w iħallas lill-attur ammont li talvolta jirriżulta li għadda minn idejn il-konvenut, meta irċeva pagament sostanzjali minn Lloyds Bank plc permezz taċ-ċekk numru 643 bid-data tas-16 ta' Settembru, 2011, li qatt ma għadda lill-attur.
>
> 5. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-imghax legali li iddekorrew u jibqghu jiddekorru fuq is-somom minnu mizmuma abusivament sal-gurnata tal-effettiv pagament lir-rikorrenti – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi, oltre l-imghax ulterjuri u l-ispejjez."

9. Il-konvenut laqa' għat-talbiet attriċi b'risposta ġuramentata ppreżentata fid-29 ta' Mejju, 2015 fejn ressaq numru ta' eċċezzjonijiet: (i) illi huwa qatt ma kellu relazzjoni professjonali mal-attur imma biss mad-*decuius* Emanuel Grech; (ii) it-talbiet tal-attur huma nebolużi; (iii) illi

qabel ma ġie notifikat bl-ittra uffiċjali numru 890/2015 huwa kien diġà ta spjegazzjoni dwar għalxiex kienu saru dawk il-pagamenti lilu; (iv) illi huwa kien jiltaqa' regolarment ma' Emanuel Grech fuq firxa ta' tliet snin "mhux biss jagħti pariri legali u ġudizzjarji lil Emanuel Grech fil-kawżi li kellu ………… Imma … għamel sessjonijiet twal ħafna u fuq firxa ta' snin ukoll mis-sena 2008, kif ġie mitlub minnu stess esklussivament mingħand Emanuel Grech bil-konoxxenza ta' Eugenio Bartolo"; (v) illi huwa kien imwiegħed minn Emanuel Grech li kien ser jitħallas peress li kien ħatru eżekutur testamentarju fuq testment, li mbagħad *ad insaputa* tiegħu kien ġie revokat, fejn kellu jitħallas sitta fil-mija (6%) tal-valur tal-assi ereditarji kollha ta' Emanuel Grech; (vi) illi huwa kien ftiehem ma' Emanuel Grech li ma jitħallas xejn tas-servizzi professjonali li kien qed jipprestalu bl-intendiment li jitħallas meta jaqdi d-doveri ta' eżekutur testamentarju u kien għalhekk li kien qed jitlob *lump sum payments* mingħand Emanuel Grech. Ladarba ma nnominahx eżekutur testamentarju għandu dritt jitħallas tas-servizzi professjonali li ppresta lil Emanuel Grech.

10. B'<u>sentenza</u> mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-<u>26 ta' Ottubru 2020,</u> ġie deċiż kif isegwi:

> "1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba in kwantu li r-rendikont infatti ġie ppreżentat fil-mori tal-kawża;
>
> 2. Tilqa' t-tieni talba;
>
> 3. Tilqa' t-tielet talba u konsegwentment, tikkundanna lill-intimat iħallas lill-attur is-somma ta' wieħed u sittin elf, erbgħa mija u erbgħa u tletin Ewro u disgħa u tletin centeżmu (€61,434.39);

4. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba in kwantu li fis-sottomijssjonijiet tiegħu l-attur iddikjara li mhuwiex ser jinsisti aktar fuq din it-talba in vista ta' dak li rriżulta mill-provi;

5. Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-attur l-imgħax fuq is-somma ta' wieħed u sittin elf, erbgħa mija u erbgħa u tletin Ewro u disgħa u tletin Ċenteżmu (€61,434.39) minn dakinhar li huwa ġie notifikat bl-ewwel ittra uffiċjali interpellatorja tal-attur.

L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu minn Dottor Johann Debono."

11. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

"L-attur kemm f'ismu personali u kif ukoll bħala l-uniku eredi ta' Emanuel Grech qiegħed jippretendi rifużjoni tal-flus li tħallsu żejda lill-intimat stante li skont l-attur huwa dovut biss id-dritt professjonali skont ma ġie ntaxxat mir-Reġistratur tal-Qrati wara l-kawża ta' Harry Cutajar deċiża finalment mill-Qorti talAppell Inferjuri.

In linea preliminari, l-intimat jeċċepixxi li huwa m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur għaliex il-klijent tiegħu kien Emanuel Grech biss. Madanakollu, mill-atti jirriżulta li dan mhuwiex korrett. Huwa veru li l-flus kienu ta' Emanuel Grech, imma l-attur kien il-klijent tiegħu wkoll tant illi r-riċevuti l-intimat kien joħroġhom f'isem l-attur ukoll u huwa kien saħansitra rrappreżenta lill-attur fil-kawża li kien għamel kontrih Harry Cutajar. B'żieda ma dan kollu, l-attur huwa l-eredi universali ta' Emanuel Grech u allura għandu kull dritt illi jressaq din il-kawża bħala l-kontinwazzjoni tal-personalità ġuridika tal-mejjet. Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.

L-intimat jeċċepixxi wkoll li t-talbiet tal-attur huma nebolużi in kwantu li mhuwiex ċar fuq liema artikolu tal-liġi qiegħed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti t-talbiet attriċi ma huma nebolużi xejn. L-attur jesigi rendikont tas-servizzi professjonali li għalihom Emanuel Grech ħallas eluf ta' Ewro u f'każ li ma jiġix ipprovat li l-intimat tħallas ta' xogħol li attwalment għamel jew ħin li attwalment iddedika sabiex jipprovdi s-servizzi professjonali tiegħu lill-mejjet jew lill-attur stess, rifużjoni ta' dawn il-flus. L-intimat tant fehem x'inhuma l-pretensjonijiet u t-talbiet tal-attur li huwa kkontesta din il-kawża bis-saħħa. Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk ukoll tiġi miċħuda.

Fil-mertu, l-eċċezzjonijiet tal-intimat jistgħu jiġu miġbura f'argument wieħed fis-sens illi huwa fil-fatt iddedika siegħat twal għar-riċerka li kien jagħmel u laqgħat li kien ikollu ma Emanuel Grech dwar kwistjonijiet legali li kienu jolqtu l-proprjetà tiegħu.

[…]

Stabbilit dan kollu, din il-Qorti m'għandhiex l-iċken dubju li l-intimat abbuża mill-ġenerożità ta' Emanuel Grech u mhux talli m'għandux jitħallas aktar, imma talli huwa għandu jirrifondi lill-attur ammont sostanzjali ta' flus.

Il-verżjoni tal-intimat la hija verosimili u lanqas kredibbli u huwa altru milli ovvju li l-għan ewlieni tiegħu kien (u għadu) li jakkwista kemm jiflaħ mingħand Emanuel Grech b'mod sfaċċjat tul ħajtu jew mill-patrimonju tiegħu.

L-ewwel u qabel kollox, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-intimat naqas milli jressaq l-iċken prova dwar ix-xogħol illi jgħid li għamel fuq talba ta' Emanuel Grech. Filwaqt illi jippretendi li ddedika 'l fuq minn elf siegħa fuq medda ta' aktar minn sentejn u nofs, huwa lanqas kien kapaċi jixhed fid-dettal dwar imqar kwistjoni legali waħda li jgħid illi kellu l-mejjet ħlief li jsemmi b'mod vag ħafna xi skrittura li kienet saret bejn ħuħ Jimmy Grech u ċertu Harry Cutajar. Kif tista' l-Qorti qatt temmen lill-intimat li lanqas ħass il-bżonn li jippreżenta mqar dokument wieħed biex jiġġustifika l-kont eżorbitanti rrilaxxjat minnu? Fil-fatt, l-uniċi dokumenti ta' rilevanza li preżenta l-intimat kienu proprju relatati mal-flus li qiegħed jippretendi li għandu jieħu oltre l-eluf li diġa tħallas. Dan il-kont, kull ma fih is-sigħat u ġranet li jgħid illi ddedika lill-attur u r-rata li biha qiegħed jippretendi li għandu jitħallas. L-intimat xehed li huwa ma żammx rendikont uffiċjali imma kien jinnota l-ħinijiet informalment. Qiegħed jippretendi li l-Qorti temmen li 'informalment' huwa nnota aktar minn elf siegħa mingħajr ma qatt ħareġ kont. Lanqas ma preżenta mqar riċevuta waħda tal-ispejjeż illi jgħid illi għamel.

[...]

Mhux hekk biss, iżda kif sewwa josserva l-attur, hija xi ħaġa tal-iskantament li l-intimat jgħid li għandu jieħu mingħand l-attur u qatt ma ħareġ kont, imma stenna sakemm ippreżenta dan il-kont fi stadju avvanzat ta' din il-kawża għaliex, skont hu, dejjem ippretenda li l-attur kien ser iħallsu. Mistoqsija oħra li ssegwi hija, jekk il-ftehim kien illi l-intimat jitħallas mill-patrimonju tal-mejjet, is-somma ta' €62,000 li tħallas sakemm kien għadu ħaj Emanuel Grech ta' xiex kienu?

Il-Qorti hija perplessa wkoll kif fir-risposta tiegħu l-intimat ikompli jirrepeti li l-ftehim li kellu mal-mejjet kien li ser jitħallas mill-patrimonju tiegħu, u ma jindirizzax lanqas imqar eċċezzjoni waħda lejn l-eluf kbar li tħallas mingħand Emanuel Grech matul ħajtu. Il-fatt illi kienu jagħmlu siegħat jitkellmu fil-bar ta' Emanuel Grech mhuwiex biżżejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti li huwa verament ippresta servizzi professjonali tiegħu u li kellu xi ftehim verbali mal-mejjet li jiġġustifika l-flus li tħallas u li qed jippretendi li għad baqalu jitħallas. Bħala avukat, l-intimat suppost jaf bil-prinċipji li min jallega jrid jipprova u *reus excipiendo fit actor.*

Lanqas ma tressqet mqar prova wahda tal-patrimonju tant "estensiv" li suppost kellu Emanuel Grech u li dwaru kellu bzonn dawn il-pariri legali kollha.

Kollox ma kollox jidher ċar li l-intimat mhux ta' min joqgħod fuqu u huwa interessat biss li jdaħħal il-flus anke fejn ma ħaqqux u l-etika tal-professjoni ma tiswa xejn għalih. Il-Qorti tqis li l-aġir tal-intimat hu wieħed kundannabbli u żgur li hu inkompatibbli mad-dinjità u l-unur tal-professjoni ta' avukat, li jnaqqas gravement mill-fiduċja li l-pubbliku għandu jkollu lejn il-professjoni.

In vista ta' dan kollu, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li a tenur tal-artikoli 1125 u 1135 tal-Kodiċi Ċivili, l-intimat għandu jirrifondi lill-attur il-flus kollha li rċieva mingħandu jew mingħand Emanuel Grech wara li jitnaqqas id-dritt spettanti lilu skont ittaxxa uffiċjali għal drittijiet u spejjeż fl-ammont ta' €565.61. Fil-kawża tal-lum huwa ma ġab l-ebda prova li kellu jitħallas imqar centeżmu aktar minn din is-somma. A tenur tal-artikolu 1141 tal-Kap. 16, l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data meta ġiet notifikata lill-intimat l-ewwel ittra uffiċjali interpellatorja tal-attur."

**L-Appell**.

12. Il-konvenut ħassu aggravat b'dik is-setenza u permezz ta' rikors tal-appell intavolat fit-13 ta' Novembru, 2020, għar-raġunijiet hemm mogħtija talab li din il-Qorti: "tilqa' dan l-appell odjern billi jogħġobha tħassar u tirrevoka is-sentenza mogħtija in prim' istanza … u tiddeċiedi dan l-appell billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba attriċi *stante* illi tali rendikont ġie debitament ippreżentat anki kif tirrikjedi l-liġi, tiċħad it-talbiet kollha tal-Attur *qua* appellat Eugenio Bartolo b'mod partikolari għat-tieni, it-tielet u l-ħames talbiet tiegħu imressqin in prim istanza, tiċħad ir-raba' talba attriċi *stante* illi ġie ppruvat sodisfaċentement illi c-ċekk tal-Bank Lloyds numru 643 bid-data tas-16 ta' Settembru 2011 ġie ddikjarat frawdolenti, li qatt ma kien jappartjeni għall-ġid ta' Emanuel

Grech u li ma ġie qatt imsarraf minn l-Avukat Dr Johann Debono, u finalment tilqa' l-eċċezzjonijiet fit-totalita' tagħhom ….”

13. L-attur appellat ippreżenta risposta tal-appell fit-3 ta' Diċembru 2020 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponi dan l-appell.

14. Rat li fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2024 deheru l-partijiet assistiti, iddikjaraw li ma kellhomx xi jżidu mal-atti u l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat;**

15. Għalkemm l-appell tal-konvenut huwa mifrux fuq sebgħa u sittin (67) paġna, essenzjalment ressaq tliet (3) aggravji.

16. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellant jattakka s-sentenza appellata bħala żbaljata meta qieset illi l-konvenut kien ukoll l-avukat ta' fiduċja tal-attur. Jgħid li huwa dejjem ippresta s-servizzi professjonali tiegħu lil Emanuel Grech u qatt lill-attur. Jgħid li l-eċċezzjoni preliminari tiegħu li ma kienx leġittimu kontradittur ma kellha qatt tiġi miċħuda peress li huwa ma kellu l-ebda relazzjoni professjonali mal-attur u għalhekk ma kellu l-ebda relazzjoni ġuridika miegħu. Jgħid illi fil-qadi ta' dmirijietu l-avukat għandu relazzjoni personali mal-klijent tiegħu fejn l-

obbligazzjonijiet huma personali bil-konsegwenza, skont l-appellant, illi "mal-waqfa tas-servizz professjonali fih innifsu, l-Avukat ma jista' qatt jiġi attakkat fuq servizzi reżi lill-klijent tiegħu minn xi parti oħra sakemm il-klijent stess (cioe' Emanuel Grech f'dan il-każ) ma jkunx ilmenta hu stess u fetaħ hu, l-proċeduri ad hoc għal dan l-iskop". Jisħaq l-appellant illi l-attur ma kienx il-klijent tiegħu imma kien il-prokuratur tal-klijent tiegħu Emanuel Grech. Jissottometti illi kien l-attur stess li fi kwerela li ppreżenta lill-pulizija kontra l-konvenut circa sentejn wara li ġie nieqes Emanuel Grech li ddikjara li "Is-Sur Emanuel Grech kien ilu jaħdem bis-servizzi tal-Avukat Johann Debono għal dawn l-aħħar ħames snin". Jirreferi għall-affidavit tal-attur fejn jgħid illi "L-Avukat Debono kien l-Avukat ta' Fiduċja tiegħu (b'riferenza għal Emanuel Grech) u jien mort għand l-Avukat Debono diversi drabi. Fil-fatt għandi ngħid illi attwalment l-Avukat Debono biex jiltaqa' ma' Manwel jew kien jiġi fil-ħanut tiegħi jew id-dar tagħna." Jispjega li lil Emanuel Grech kien ilu jafu minn meta kien zgħir peress li membri tal-familja tal-konvenut kienu parruċċani f'bar li Emanuel Grech kellu ġewwa Birkirkara. Jgħid illi appena sar avukat Emanuel Grech beda jikkonsultah dwar preokkupazzjonijiet li kellu ta' natura legali u sabiex jigwidah kif kellu jirregola l-patrimonju tiegħu sew matul ħajtu kif ukoll għal wara mewtu. Jirreferi wkoll għall-fatt illi diversi xhieda li huwa ressaq, fosthom lill-ġenituri tiegħu, ma ġewx kontroeżaminati. Jgħaddi mbagħad sabiex jiċċita estensivament mill-affidavit tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti sabiex juri x'kien il-ftehim tiegħu ma' Emanuel Grech.

Jispjega illi apparti l-kawżi li kellu jiftaħ għan-nom ta' Emanuel Grech huwa kien ftiehem miegħu illi ser iżomm rendikont tal-ħin li jiddedika. Kompla kif ġej: "kont ser niġbor f'kontijiet separati fuq bażi ta' lump sum payments skont il-ħinijiet li nagħmel, fuq perijodi ta' żmien, minn żmien għal żmien. In fatti qatt ma kelli problemi mal-klijent Grech, anzi apparti li kien iħallasni mingħajr problemi ta' xejn, kien jgħidli li 'jbierek kull sold li kien itini'...." Jisħaq illi l-attur qatt ma kien klijent tiegħu u għalhekk "... ġialadarba l-Avukat ikun qeda d-dmirijiet tiegħu ma' klijent u kkompleta l-inkarigu tieħgu ma dan l-istess klijent" ma jistax wara l-mewt tal-klijent li l-eredi jfittxu lill-avukat tad-*decuius* fuq allegat nuqqasijiet. Jgħid illi r-relazzjoni bejn l-avukat u l-klijent tiegħu hija waħda personali u l-eredi m'għandhomx dritt ifittxu lill-avukat fuq allegat nuqqasijiet tal-avukat. Jisħaq illi "Din ir-relazzjon professjonali mal-mewt tal-klijent tiegħu ġiet itterminata *ex lege* u mhux talli ġiet itterminata, iżda talli mill-assjem tal-provi rriżulta ċar u tond, illi qatt ma kien hemm problemi ta' natura kontrattwali bejn l-Avukat professjonist u l-klijent uniku tiegħu Emanuel Grech. Tant hu hekk illi ma kien hemm ebda lament b'mod legali jew xi forma ta' disgwid bejn il-klijent Emanuel Grech u l-Avukat tiegħu". Ikompli jisħaq illi "Ir-relazzjoni personali bejn l-Avukat professjonist u l-klijent tiegħu ma tistax tgħaddi mal-partimonju ereditat minn Eugenio Bartolo sakemm ma jkunx hemm ftehim ċar u tond illi jsir hekk jew sakemm ma jkunx hemm xi kawża pendenti illi għaliha jagħżel li jidħol fiż-żarbun tagħha l-eredi leġittimu tal-mejjet. ..." Għalhekk jisħaq illi l-attur ma

għandux l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex ifittex lill-Avukat peress li qatt ma kien klijent tiegħu u bħala eredi universali tal-ex klijent tal-konvenut il-jeddijiet li seta' kellu fil-konfront tal-konvenut id-*decuius* ma għaddewx *causa mortis*. Skont il-konvenut, kwalunkwe pretensjonijiet li klijent ta' avukat ikollu kontra l-avukat tiegħu jmutu flimkien mal-klijent.

17. L-attur appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jissottometti illi l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut li ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet wara li rriteniet illi l-attur huwa l-eredi universali tad-*decuius* u li allura "għandu kull dritt illi jressaq din il-kawża bħala l-kontinwazzjoni tal-personalita' ġuridika tal-mejjet". Jissottometti illi ġialadarba l-attur aċċetta l-wirt ta' Emanuel Grech huwa daħal fiż-żarbun tad-*decuius* u kellu jedd jistitwixxa l-kawża odjerna kontra l-konvenut. Dwar l-argument tal-konvenut li l-attur qatt ma kien klijent tiegħu, l-attur jissottometti li dan mhux korrett u f'dan ir-rigwad jagħmel referenza għal żewġ riċevuti waħda mill-irċevuti li ġiet rilaxxata mhux favur Emanuel Grech imma favur l-attur waħdu, filwaqt li riċevuta oħra nħarġet f'isem Emanuel Grech u f'isem l-attur.

**Ikkunsidrat;**

18. Il-ġurisprudenza nostrana għal żmien twil żammet illi r-relazzjoni bejn l-avukat u l-klijent marbuta ma' proċeduri ġudizzjari hija dik ta' mandat (**Carmelo Agius Fernandes et. v. Av. Dr Filippo Nicolò**

**Buttigieg** - Prim'Awla - 13 ta' April, 1953; **Maria Debono et. v. Filippo Debono et.** - Appell Superjuri - 15 ta' Jannar, 1965; **Avv. Dr Louis Vella et. v. Direttur tal-Lottu Pubbliku** - Appell Superjuri - 8 ta' Mejju 2000; **Maureen Scicluna v. Anthony P. Farrugia** - Appell Inferjuri - 6 ta' April, 2005; **Dr Louis de Gabriele noe. v. Arcidiacono Mfg. Co. Ltd.** - Appell Inferjuri - 11 ta' Jannar, 2006).

19. Ġurisprudenza oħra tqis tali relazzjoni bħala waħda *sui generis* illi tavviċina "l-lokazzjoni d'opera u lill-mandat" (**Spiridione Zammit v. Av. Dr Antonio Caruana** - Appell Superjuri - 4 ta' Diċembru, 1957).

20. Reċentement inżamm illi r-relazzjoni bejn l-avukat u l-klijent hija waħda ta' natura kuntrattwali (ara. **Franco Buttigieg et. v. Av. Tonio Azzopardi** - Appell Superjuri - 3 ta' Ġunju, 2024).

21. Meta l-avukat jippretendi ħlas għall-servizzi resi, huwa għandu l-obbligu li jipprova l-portata u n-natura ta' dawk is-servizzi. Xejn ma jillibera lill-avukat mill-obbligu li jagħti rendikont tal-prestazzjonijiet professjonali minnu reżi, lanqas meta l-klijent ma jkunx illiberah mis-sigriet professjonali. (**Gaetano Abdilla v. Av. Dr Joseph F. Cassar Galea** - Appell Superjuri - 17 ta' Marzu, 1967).

22. Għalkemm it-taxxa ta' drittijiet extra-ġudizzjarji pretiżi minn avukat hija maħruġa mill-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja (ex Sekond'Awla), xorta waħda t-tassazzjoni hekk maħruġa ma hix att tal-Qorti, imma hija att tar-Reġistratur tal-Qrati. Lill-Qorti jispetta biss li tieħu konjizzjoni tal-kontroversji mat-taxxi hekk magħmula mir-Reġistratur wara li tiġi impunjata l-attendibilità jew il-korrettezza tagħhom minn min ikollu interess. (**Lewis Borg v. Av. Dr Giuseppe V. Salamone** - Prim'Awla - 23 ta' Frar, 1960).

23. L-aċċettazzjoni ta' wirt għandha effett retroattiv minn dakinhar tal-ftuħ tas-suċċessjoni, bla ħsara tal-jeddijiet miksubin minn terzi persuni bis-saħħa ta' xi konvenzjoni magħmula b'bona fidi mal-werriet apparenti.[6]

24. Il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal ħaddieħor, ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi.[7]

25. Għandu jitqies illi wieħed wiegħed jew ftiehem għalih innifsu, għall-werrieta tiegħu, u għal dawk illi minnu ġejjin il-jeddijiet tagħhom, meta l-kuntrarju mhux stabbilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet fil-ftehim, jew ma jkunx jidher mix-xorta tal-ftehim. (**Artikolu 998 – Kodiċi Ċivili**). Minn dan l-Artikolu joħroġ ċar illi meta persuna tikkuntratta jew

[6] Art. 849 Kodiċi Ċivili
[7] Art. 1001 - Kodiċi Ċivili

tipprometti dan ma tagħmlux biss għaliha imma wkoll għall-werrieta tagħha b'mod partikolari u għal dawk kollha li minnu ġejjin il-jeddijiet tagħhom (**Mercury p.l.c. v. Persona Limited u b'digriet tal-24 ta' Ottubru, 2023 l-isem ġie mibdul għal Prohealth Estates Limited** - Appell Superjuri - 29 ta' Frar, 2024)

26. Huwa paċifiku illi fil-kamp legali l-eredi universali jkomplu l-personalità tad-decujus mal-aċċettazzjoni tal-wirt lilhom konferit. "Universal successors continue the personality of the deceased" (il-kompjant **Professur Joseph M. Ganado** -Lecture no. 16 mogħti fit-8 ta' Novembru 1978 - fil-kors tal-liġi Università ta' Malta – ċitat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Mercuty v. Persona op.cit.). L-istess inżamm mill-ġuristi Taljani, illi l-eredi li jiret l-*universum ius* għandu l-fakoltà li jistitwixxi l-azzjonijiet kollha li kienu jispettaw lid-decujus, sew azzjonijiet reali bħalma hi l-*actio rei vendicatoria*, kif ukoll azzjonijiet personali marbuta ma' kontrattazzjonijiet li ġia kellu d-*dante causa*; ħlief dawk li b'effett tal-mewt tad-decujus jiġu awtomatikament xolti bħal pereżempju azzjoni għas-separazzjoni personali[8]. "L'erede, succedendo nell'*universum ius,* dispone di tutte le azioni che avrebbe avuto il *de cuius*: azioni reali, come la rivendica anche dei beni caduti nella massa o la negatoria, e azioni personali per i rapporti che ġia' erano del defunto,

[8] **Artikolu 36 - Kodiċi Ċivili**: "Il-firda personali ma tistax issir ħlief b'talba ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien kontra l-oħra, u għal xi waħda mir-raġunijiet miġjubin fl-artikoli li ġejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59."

tranne quelli sciolti per effetto della morte". (**Trabucchi - Istituzioni di Diritto Civile** - 50th Edit. (2022) – paġ.717). "... al solo erede e' concessa la hereditatis petitio per ottenere la restituzione dei beni ereditari posseduti da altri a titolo di erede o senza titolo ... solo l'erede subentra in ogni rapporto come se ne fosse stato parte ab initio e perfino in quelli in via di formazione al momento della morte del de cuius... Queste e altre peculiarita' del regime applicabile all'erede giustificano l'espressiva, sebbene impropria, definizione del successore a titolo universale quale «continuatore della personalita'» de suo dante causa" (**Torrente – Schlesinger - Manuale di Diritto Privato** - 26th Ediz. (2023) - paġ. 1387).

27. Applikati l-liġi u l-ġurisprudenza *in materia* għall-mertu tal-ewwel aggravju in diżamina, huwa pależament evidenti illi l-appellant m'għandux raġun. Il-pretensjoni tiegħu illi mal-mewt ta' Emanuel Grech mietet ukoll kull pretensjoni li d-*decuius* seta' jressaq fuq konfront tiegħu hija waħda manifestament infondata u xi ftit jew wisq sorprendenti meta inevitabbilment jitqies il-professjoni tal-istess appellant intrinsikament marbuta mal-mertu ta' din il-kawża.

28. L-attur *qua* eredi universali ta' Emanuel Grech, ex klijent tal-konvenut, għandu kull jedd illi jadixxi lill-qrati bl-azzjonijiet kollha li d-decujus seta' matul ħajtu jistitwixxi kontra l-konvenut. Ma hux siewi l-

argument tal-appellant illi ġialdarba Emanuel Grech ma pproċediex matul ħajtu kontra l-konvenut dwar ħlasijiet indebiti ħadd aktar ma jista' jfittxu dwar tali pretensjoni, lanqas l-eredi universali. L-appellant ma rrefera la għal xi provvediment legali u lanqas għal xi ġurisprudenza reċenti jew remota in sostenn tal-aggravju tiegħu.

29. **Issib l-ewwel aggravju tal-appellant bħala totalment infondat, fieragħ u vessatorju u għalhekk tiċħdu**.

30. It-tieni u t-tielet aggravju huma intinsikament marbuta u għalhekk ser jiġu kkunsidrati flimkien.

31. Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti ma tat ebda piż probatorju lix-xhieda kollha li huwa ressaq dwar ix-xogħol estensiv li huwa ppresta lil Emanuel Grech. Jgħid illi l-Ewwel Qorti qagħdet esklussivament fuq ix-xhieda tal-attur u skartat u "ħbiet" ix-xhieda kollha tiegħu daqs li kieku ma ressaq l-ebda provi. Jgħid illi mill-banda l-oħra bħala prova l-attur ressaq biss l-affidavit tiegħu biss mentri hu ressaq diversi xhieda permezz ta' affidavits li ma ġewx kontro-eżaminati. Jgħid illi huwa ressaq provi li juri li mhux biss li ma għandu jirrifondi xejn, talli juru illi għax-xogħol li jagħmel jonqsu jieħu ħafna aktar. Jirreferi għat-testment ta' Emanuel Grech tal-14 ta' April, 2009, sussegwentement revokat mit-testatur, fejn jiddisponi li qed jaħtru

eżekutur testamentarju "b'turija ta' apprezzament" tas-servizzi li l-Avukat Debono kien ġia irrendilu. Jissottometti illi s-servizzi professjonali minnu reżi lil Emanuel Grech kienu ta' żewġ kwalitajiet: (i) dawk ta' konsulenza dwar il-patrimonju tiegħu u (ii) servizzi professjonali marbutin ma' proċeduri ġudizzjarji. Jgħid illi l-attur stess ammetta li ġieli kien preżenti meta Emanuel Grech kien ikellem lill-konvenut dwar il-kawża ta' The Cottage u meta tah pariri dwar proprjetà oħra u investimenti. Isemmi wkoll li l-attur ammetta fix-xhieda tiegħu illi l-konvenut kien ta s-servizzi professjonali tiegħu lil Emanuel Grech għal xi sentejn u li f'testment preċedenti kien innominah eżekutur testamentarju. Isemmi illi lil Emanuel Grech kien spjegalu mill-bidunett illi ser jitolbu ħlas ta' €100 għal kull siegħa servizz professjonali. Jgħid li ma għamel xejn bil-miktub u kollox kien verbali u li huwa kien jinqala' mill-uffiċċju tiegħu biex imur ikellmu għaliex hekk kien ikun irid Emanuel Grech. Jgħid illi kont/*invoice* qatt ma bagħatlu lil Emanuel Grech għaliex verbalment kien jgħidlu x'għandu jagħtih u Emanuel Grech kien jeffettwa l-ħlasijiet. Però jinsisti l-konvenut illi kien qed jistenna li jitħallas eventwalment meta jiġi nominat eżekutur testamentarju fejn Emanuel Grech kien iddispona mhux biss il-ħatra tal-konvenut bħala eżekutur testamentarju tal-eredità tiegħu imma wkoll kif għandu jitħallas: "... sitta fil-mija (6%) tal-assi immobbli u mobbli kollha li jinkludu flejjes likwidi u bankarji, stocks, bonds u shares, kemm jekk f'Malta jew barra minn Malta, ġojjelli, fided u ħaġar preżżjuż, u kulma jinstab fir-residenza tat-Testatur, liema percentagg għandu jiġi ikkalkolat

fuq l-assi interi fil-ġurnata tal-mewt tat-Testatur qabel ma jitnaqqas kull debitu, spiża jew taxxa li tista' tkun dovuta fuq l-assi tat-testatur......It-Testatur jiddikjara illi d-dritt imħolli lill-eżekutur testamentarju qiegħed jiġi kostitwit bħala turija ta' apprezzament għas-servizzi professjonali ġja' reżi lit-Testatur mill-eżekutur testamentarju u għas-servizzi tiegħu li l-eżekutur testamentarju jrid irendi fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu bħala eżekutur."

32. Jgħid l-appellant illi għalkemm dak it-testment kien ġie sussegwentement revokat, fl-istess ħin juri illi Emanuel Grech kien rikonoxxenti għas-servizzi professjonali li kien ġia prestalu. Jgħid l-appellant illi qatt ma stenna li Emanuel Grech kien ser jirrevoka dak it-testment u kien għalhekk illi huwa kien qed jitolbu l-ħlasijiet akkont bil-ħsieb illi "kien lest illi jistenna il-ftuħ tas-suċċessjoni sabiex ikun jista' jagħmel it-tpaċija ma' dak li kien diġa pperċepixxa u l-ħlas bilanċjali li kien fadal x'jitħallas". Jgħid illi kieku ma għamilx hekk "kien jibqa' lampa stampa sa llum".

33. Jgħid illi huwa kien jiltaqa' regolarment ma' Emanuel Grech fuq firxa ta' tlitt snin "sabiex mhux biss jagħti pariri legali u ġudizzjarji lil Emanuel Grech fil-kawżi li kellu .... imma sabiex ukoll, ... għamel sessjonijiet twal ħafna u fuq firxa ta' snin ukoll mis-sena 2008..." Ikompli jgħid li "Dan ix-xogħol professjonali u legali kollu sar provviżorjament mingħajr talba għal ħlas specifiku għal kważi sentejn sħaħ". Jgħid li huwa

għamel ħafna xogħol ta' riċerki, pariri, "studju approfondit ta' kull testment pubbliku li sa dakinhar kien sar", u konsultazzjonijiet. Jgħid illi kien għamel ftehim verbali ma' Emanuel Grech illi tas-servizzi professjonali tiegħu "ma jżomm xejn bħala ħlasijiet tax-xogħol kif sġjegat, li kien sar, ġaladarba kien ser jitħallas sew tax-xogħol tiegħu permezz tal-preċentwali mogħtija lilu u miktuba fit-testment pubbliku ....". Jgħid illi dan il-ftehim kien japplika biss jekk jiġi nominat eżekutur testamentarju għaliex altrimenti kellu kull dritt jitħallas ta' xogħlu mill-ammonti li kien qed jitlob bħala ħlasijiet f'*lump sum payments*.

34. Permezz tat-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti skartat sew ir-rendikont li huwa għamel kif ukoll skartat it-taxxa uffiċjali maħruġa mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja. Jgħid illi ġialdarba Emanuel Grech qatt ma ilmenta mix-xogħol professjonali tiegħu, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiskarta r-rendikont tax-xogħol minnu magħmul. Jgħid illi s-somma ta' €62,000 li huwa rċieva mingħand Emanuel Grech kienet pagament akkont tas-servizzi li huwa kien irrendilu. Jisħaq illi huwa kien intitolat għas-somma globali ta' €107,382.36 eskluż il-VAT. Jgħid li huwa ma jaqbilx mat-taxxa li nħarġet mir-reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja). Jgħid illi meta wara l-mewt ta' Emanuel Grech skopra li ma ġiex nominat eżekutur testamentarju huwa ppretenda li jitħallas tal-prestazzjonijiet kollha li kien għamel a benefiċċju ta' Emanuel Grech.

35. L-appellat jilqa' għal dawn iż-żewġ aggravji billi jgħid illi ma hu minnu xejn li l-Ewwel Qorti injorat ix-xhieda kollha tal-konvenut. Jikkritika lill-appellant illi akkuża lill-Ewwel Qorti li "ħbiet" il-provi tal-konvenut. Jissottometti illi l-kawżi ma jintrebħux u ma jintilfux skont in-numru ta' xhieda li parti tressaq imma fuq il-konvinċiment li parti jirnexxilha tipproduċi għall-iskrutinju ekwu u legali li jagħmel il-ġudikant. Jgħid l-appellat illi wara li l-Ewwel Qorti għarblet il-provi mressqa sew ta' naħa kif ukoll tan-naħa l-oħra waslet għall-konklużjoni li ma kellha l-ebda dubju li l-konvenut kien abbuża mill-ġenerożità ta' Emanuel Grech. Jenfasizza illi l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda dubju dwar il-konklużjonijiet tagħha u li ma kenitx emmnet il-verżjoni mogħtija mill-konvenut. Mhux skartat l-Ewwel Qorti imma qieset mhux kredibbli t-testimonjanza tal-konvenut. Dan ma jfissirx li l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni x-xhieda tal-konvenut kif jingħad fl-aggravji tiegħu.

36. Jenfasizza illi l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti tal-provi mressqa ma għandhomx jiġu disturbati minn din il-Qorti jekk ma jirriżultawx raġunijiet gravi. Jirreferi għall-fatt li l-konvenut qatt ma ħareġ kont lil Emanuel Grech la dwar il-problema li ġiet identifikata bħala "The Cottage Restaurant" u lanqas għal "mijiet ta' sigħat" li jallega li ta lid-decujus. Jgħid illi ma hux verosimili illi avukat li għadu jibda fil-professjoni tiegħu jqatta' tliet snin jippresta servizzi professjonali lil klijent wieħed

b'medja ta' sittin siegħa fix-xahar mingħajr qatt ma joħroġ kont. Jissottometti illi t-taxxa maħruġa mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, apparti li għandha diversi żbalji, intalbet mill-konvenut seba' snin wara li kien ilu mejjet Emanuel Grech u tliet snin wara li nfetħet din il-kawża. Jgħid illi din it-taxxa ma għandha l-ebda valur f'dawn il-proċeduri peress li ma ġietx segwita b'ittra uffiċjali. Josserva wkoll illi għalkemm il-konvenut jippretendi li tal-konsulenzi legali tiegħu għandu dritt jirċevi 'l fuq minn €100,000.00, lanqas użufruwixxu ruħu mill-fakoltà li jippreżenta kontrotalba u sal-lum għadu qatt ma bagħat kont lill-attur appellat.

**Ikkunsidrat;**

37. Permezz ta' dawn iż-żewġ aggravji l-appellant qiegħed essenzjalment jattakka l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. Ma huwa qatt barra minn loku li jiġi puntwalizzat li fejn appellant jattakka l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet Qorti tal-ewwel grad, hija regola stabbilita illi din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata sakemm ma jirriżultawx ċirkostanzi eċċezzjonali, jew meta jintwera li dak l-apprezzament ikun wieħed irraġġjonevoli jew jekk jirriżulta illi l-apprezzament tal-fatti huwa kontradett mill-atti. Kif inżamm fis-sentenza **Antoine Spiteri v. Mario Vella et.** mogħtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2023:

> " ... tajjeb li jiġi mfakkar li, din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax faċilment id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti, sakemm ma tkunx manifestament żbaljata jew għax ikun hemm raġunijiet gravi biżżejjed, bil-konsegwenza li tkun ser titwettaq

> inġustizzja. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli l-valutazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma twassalx bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet **Citadel Insurance plc v. Shield Services Limited et** u l-ġabra ta' referenzi għas-sentenzi hemm magħmula)."

38. Din il-Qorti tibda billi tiċċensura mingħajr mezzi termini lill-appellant fejn fit-tieni aggravju tiegħu mhux biss jikritika, kif kellu kull dritt li jagħmel, l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti; iżda mbagħad għadda sabiex jixli lill-Ewwel Qorti illi "ħbiet" il-provi tiegħu. L-Ewwel Qorti la ħbiet u lanqas injorat il-provi mressqa mill-appellant. Din il-Qorti għarblet mill-ġdid il-provi li ressaq l-appellant dwar il-pretazzjonijiet professjonali li jallega li ta lil Emanuel Grech u ssib mhux biss li l-appellant kien ekonomiku mal-verità iżda wkoll li ma qalx il-verità tant li f'partijiet mix-xhieda tiegħu ikkontradixxa lilu nnifsu. F'nifs jgħid illi kien ftiehem ma' Emanuel Grech illi ma jitħallasx tal-pariri li kien qed jagħtih għaliex kien ser jitħallas meta jiġi nominat eżekutur testamentarju, u f'nifs ieħor jgħid li beda jitolbu *lump sum payments* akkont tas-servizzi professjonali li kien qed jagħtih; u dan *nonostante* li kien għadu mingħalih illi ser jiġi nominat eżekutur testamentarju ġialdarba jiġi nieqes Emanuel Grech.

39. Bħal l-Ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ssib il-verżjoni li ta l-konvenut appellant ta' dak li seħħ bħala mhux biss inverosimili għall-

aħħar imma għandha mill-inkredibbli. L-appellant jammetti illi huwa qatt ma bagħat kont lill-klijent tiegħu Emanuel Grech. Fuq medda ta' sentejn u nofs. F'daqqa waħda wara tliet snin li kienet ilha li nfetħet din il-kawża kontra tiegħu, irnexxielu jipprepara rendikont mhux biex jippreżentah bħala prova quddiem din il-Qorti; lanqas sabiex jibgħat kont lill-attur; imma sabiex jippreżenta nota ġuramentata quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Volontarja) sabiex tinħareġ taxxa tad-drittijiet extra ġudizzjarji tiegħu. Taxxa magħmula unikament fuq dak li l-konvenut iddikjara lir-reġistratur. Ma tistax din il-Qorti toqgħod lura milli tqis dan l-aġir bħala mhux biss inaċċettabbli imma jirrażenta d-disprezz in kwantu mill-atti jirriżulta li meta l-konvenut ressaq it-talba tiegħu quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, huwa naqas milli jinformaha illi dwar dawk l-istess pretensjonijiet kien hemm kawża pendenti quddiem l-Ewwel Qorti istitwita tliet snin qabel. Għamlet sew l-Ewwel Qorti li skartat dik it-taxxa għaliex ġustament qieset li ma għandha l-ebda valur probatorju għall-finijiet tal-mertu tal-kawża odjerna. Dan ħareġ biċ-ċar mix-xhieda tar-reġistratur Marcel Buġeja li ripetutament irrisponda in kontroeżami li huwa qagħad fuq dak li qallu l-konvenut u li ma kellu l-ebda mezz jew kompitu li jivverifika l-veraċitá ta' dak dikjarat mill-konvenut.

40. Sabiex inħarġet dik it-taxxa l-konvenut ippreżenta prospett ta' tnejn u għoxrin (22) paġna għal perjodu minn Jannar 2008 sa Settembru 2010 fejn mad-daqqa t'għajn mill-ewwel jidher li dan huwa prospett fabbrikat.

41. Fl-ewwel lok l-appellant ma jagħti l-ebda spjegazzjoni kif dan il-prospett ġie maħluq għall-ewwel darba seba' snin wara li Emanuel Grech kien ilu mejjet. Fit-tieni lok ma jagħti l-ebda ħjiel kif fis-sena 2018, wara li kienu għaddew għaxar snin, u meta suppost kellu ftehim ma' Grech li ma jitħallasx tal-pariri li kien qed jagħtih li fix-xahar ta' Mejju 2008, għaxar snin qabel, kien iddedika mhux 36 siegħa imma 36 siegħa **u nofs**, f'pariri u riċerka mingħajr ma jgħid kif u *come* kien qed iżomm dawn id-dettalji meta fl-istess ħin xehed taħt ġurament li kien ftiehem ma' Emanuel Grech li tal-pariri u assistenza legali li kien jagħtih ma kienx ser jitħallas għaliex kien ser jitħallas eventwalment mill-eżekuterija. Fix-xahar ta' Frar 2008 hemm imniżżel li ddedika 61 siegħa, medja ta' sagħtejn kuljum, naturalment inklużi s-Sibtijiet u l-Ħdud. Sagħtejn kuljum ta' pariri legali u riċerki, jum wieħed wara l-ieħor. Daqs li kieku dan ma kienx biżżejjed, jirriżulta wkoll li dawn is-sigħat kollha fil-maġġorparti tagħhom il-konvenut qattagħhom fil-bar li d-decujus kien jiġġestixxi. Mijiet ta' siegħat ta' konsulenzi legali fil-bar ta' Emanuel Grech sabiex b'hekk il-konvenut qed jippretendi ħlas medju ta' 'l fuq minn tlitt elef ewro (€3,000) KULL XAHAR, fuq medda ta' sentejn u nofs. U dwar għaliex kien hemm ħtieġa ta' tant sigħat intensivi, kostanti u kontinwi ta' konsulenzi legali qajla ssib ħjiel fil-proċess. Ħlief ripetizzjonijiet illi kien joqgħod ifehmu fiex kien jikkonsisti l-patrimonju tiegħu u kif seta' jipproteġih. Kollox verbali. Xejn bil-miktub. Lanqas ir-riċerki li suppost saru ma ġew esebiti. F'kawża fejn parti qed

tippretendi li għandha jedd titħallas 'il fuq minn €100,000 għal servizzi professjonali li allegatament kienu jinkludi eżami approfondit u akkurat ta' riċerki tal-assi ta' Emanuel Grech, lanqas li wieħed kien jistenna kien li jippreżenta kopja ta' dawn ir-riċerki li l-konvenut jallega li qatta' mijiet ta' sigħat jistudja u jispjega lil Emanuel Grech. Dawn ma jinstabu mkien fl-atti.

42. Din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, tqis illi l-konvenut ma kellux jedd jirċievi 'l fuq minn €60,000 għal servizzi professjonali fantażma.

43. In-nuqqas da parti tal-konvenut li sal ġurnata tal-lum baqa' ma irrilaxxa l-ebda kont fiskali, la lil Emanuel Grech meta kien għadu ħaj, u lanqas lill-attur għall-ammonti li għadu qed jippretendi mingħand l-attur, juri kemm mhux siewja l-aggravji tal-konvenut dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti.

44. Din il-Qorti taqbel perfettament mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u ma ssib assolutament xejn x'tiċċensura.

45. Għalhekk issib dawn l-aggravji fiergħa u tgħaddi sabiex tiċħad ukoll it-tieni u t-tielet aggravju.

**Decide**.

Għar-raġunijiet fuq mogħtija din il-Qorti qiegħda:

1. **Tiċħad** dan l-appell;

2. **Tikkonferma** s-sentenza appellata;

3. **Bl-ispejjeż** ta' dan l-appell kontra l-konvenut appellant u peress li tqis dan l-appell bħala wieħed fieragħ u vessatorju, tikkundanna lill-konvenut appellant sabiex, għall-finijiet tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iħallas, bħala spejjeż addizzjonali, is-somma ta' elf ewro (€1,000) lir-Reġistratur tal-Qrati.

4. **Inoltre,** din il-Qorti, wara li rat Artikolu 223 (4) tal-imsemmi Kodiċi, tikkundanna lill-istess konvenut appellant iħallas l-ispejjeż għal darbtejn.

Robert G. Mangion
Aġent President

Grazio Mercieca
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss